MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 39/2013

**A B**

**vs**

**C D**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

"A. Fatti

1. Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni u minn din ir-relazzjoni twieldu zewgt ulied u cioe Alexandar li twieled fis-sittax (16) tal-Novembru tas-sena elf disa' mija tmienja u disghin (1998) u Kimberly li twieldet fit-tlieta u ghoxrin (23) tal-Ottubru tas-sena elfejn (2000);

2. Illi r-relazzjoni ta’ bejn il-kontendenti spiccat u kien hemm ftehim privat miktub bejn il-partijiet datat tnejn (2) tal-Ottubru tas-sena elfejn u disgha (2009) fejn kien hemm qbil illi jithallas manteniment liz-zewgt ulied tal-kontendenti mill-konvenut, u dan peress li r-rikorrenti ma tahdimx, hija l-unika wahda li tiehu hsieb id-dar taghha u lil uliedha u ghaldaqstant mhuwiex possibbli illi tmanti lil ulied il-kontendenti wahidha;

3. Illi minkejja l-ftehim ta' bejniethom, il-konvenut ilu jonqos milli jaghti l-istess manteniment ghal iktar minn sena u nofs, liema nuqqas qieghed ihalli konsegwenzi serji fuq il-hajja tal-ulied peress illi r-rikorrenti qed ikollha tbati spejjez kemm ordinarji u anki straordinarji wahidha;

4. Illi r-rikorrenti qieghda taghmel l-ahjar taghha sabiex tkompli tiehu hsieb iz-zewgt ulied tal-kontendenti illi jinsabu jghixu fid-dar taghha, izda l-ispejjez kemm ordinarji u anki straordinarji fix-xahar huma tant illi r-rikorrenti ma tistax tipprovdi ghalihom wahidha u dan hekk kif ser jigi ppruvat fil-kawza;

5. Illi permess tal-ftehim privat il-kontendenti qablu illi l-kura w kustodja tat-tfal ghandu jkun kompletament u assolutament favur ir-rikorrenti ad eskluzzjoni tal-konvenut fejn hu, pero, ikollu d-dritt ta' access liberu skond il-kaz, purche' li dan ma jfixkilx l-istess minuri fl-istudju u/jew attivatijiet taghhom ghall-avvanz taghhom skond il-kaz fejn ir-rikorrenti kienet obbligat ruhha li ma tfixkilx bl-ebda mod lil missier f dan id-dritt, illi l-konvenut ghamel uzu limitat hafna minn dan id-dritt tal-access habba n-nuqqas ta' volonta min-naha tieghu.

6. Illi saru diversi tentattivi da parti tar-rikorrenti sabiex jintlahaq ftehim ghal modalita tal-hlas tal-manteniment u l-access inkluz bil-proceduri tal-medjazzjoni izda dawn ma tawx frott minhabba l-intrasingenza da parti tal-konvenut;

7. Illi l-attrici giet debitament awtorizzata illi tipprezenta din l-istanza permess ta' digriet f’dan is-sens moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fit-18 ta' Dicembru, 2012;

B. Ragunijiet Ghat-Talbiet tar-Rikorrenti

Illi ghalkemm saru diversi tentattivi da parti tar-rikorrenti sabiex jintlahaq ftehim ghal hlas tal-manteniment u ghall-modalita tal-access inkluz bil-proceduri tal-medjazzjoni, dawn ma tax frott minhabba l-intrasingenza da parti tal-konvenut u ghalhekk hija giet awtorizzata illi tipprezenta din l-istanza.

Illi r-rikorrenti ma tistax tipprovdi ghall-bzonnijiet taz-zewg ulied wahidha u hemm bzonn illi jigi pprovdut il-manteniment u kif kollu jigu regolati l-ispejjez l-ohra ghaliex l-ulied qed ikollhom konsegwenzi serji fuq il-hajja ta' kuljum. Illi ghalkemm kien hemm qbil illi ir-rikorrenti jkollha l-kura u kustodja tal-ulied hija taghraf illi huwa fl-ahjar interess ta' ulied il-kontendenti illi huma jkollhom access ghal missierhom u ghalhekk hemm bzonn illi dan jigi wkoll regolat.

C. TALBIET

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tordna lil konvenut illi jhallas il-manteniment tal-ulied Alexandar u Kimberly li ghadu dovut mid-data ta' l-iskrittura privata ta' bejn il-kontendenti datata 2 ta' Ottubru, 2009;

2. Tiffissa retta alimentari ghaz-zewg ulied Alexander u Kimberly;

3. Tordna l-intimat ihallas ir-retta alimentari ghall-bzonnijiet ta' uliedhom b'mod fiss u regolari tenut kont il-fatt li r-rikorrenti m' ghandha ebda introjtu;

4. Tikkonferma illi l-kura u kustodja tat-tfal Alexander u Kimberly ghanda tkun kompletament u assolutament favur ir-rikorrenti;

5. Tiffissa access ghall-konvenut versu l-minuri Alexander u Kimberly.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-medjazzjoni kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni."

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma pprezentax risposta guramentata fit-terminu legali u lanqas talab li jiggustifika l-kontumacja tieghu.

Rat l-atti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici[1].

[1] Fol. 126

Rat li l-konvenut, ghalkemm inghata terminu sabiex jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet, baqa' ma pprezenta l-ebda nota.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkonsidrat.

**Provi**.

L-attrici xhedet bil-mezz tal-affidavit.[2] Spjegat illi z-zewg ulied tal-partijiet, li llum ghandhom sittax-il sena u erbatax-il sena rispettivament, huma l-frott ta' relazzjoni li l-partijiet kellhom fuq medda ta' snin. Meta fis-sena 2009 ma baqghux flimkien huma iffirmaw skrittura bejniethom u iddikjaraw li qed jiftehmu li l-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' erba' mitt ewro (€400) fix-xahar ghall-minuri. Qalet illi wara dan il-ftehim il-konvenut hallasha biss hames pagamenti u waqaf.

L-attrici xhedet illi hi ma tahdimx peress li sahhitha marret lura, tbati b'ghajnejha u ghandha infjammazzjoni f'idejha u fin-nerv ta' dahrha. Tiehu hsieb id-dar fejn tghix maz-zewg ulied. Filwaqt li l-htigijiet tat-tfal aktar ma jikbru aktar qed jizdiedu, ma qed tircevi l-ebda ghajnuna finanazjarja minghand il-konvenut u qed trabbi lit-tfal wahedha minghajr l-ebda ghajnuna da parti ta' missierhom. Tghid li qed tghix biss bl-assistenza socjali mill-istat.

Dwar il-htigijiet tal-minuri taghti r-rendikont segwenti fix-xhieda taghha:-

"Ir-rendikont ta' l-ispejjez fix-xahar tal-ulied huwa s-segwenti:

| | |
|---|---|
| Dawl u ilma | €70 |
| Telefon, cable u internet | €36.50 |
| Ikel, xorb u toiletries | €400 |
| Spejjez ta' l-iskola | €20 |

[2] Fol. 51

| | |
|---|---|
| Spejjez medici | €20 |
| Pocket money | €50 |
| Hwejjeg u bzonnijiet ohra | €70 |

Fil-bidu tas-sena skolastika:

| | |
|---|---|
| Spejjez tal-unformi,<br><br>edukazzjoni,<br><br>stationary | €700 |

Nghid illi dawn l-ammonti jinkludu l-affarijiet li ghandi bzonn imma mhux dejjem inlahhaq. Hafna drabi t-tfal ikollhom joqghodu lura jkollna mum kollox u gieli kien hemm drabi li naqbez ix-xirja jew qadt lura milli nixtrilhom il-hwejjeg anke jekk qed jikbru u ma ghadu jigihom xejn. Nista' nghid 'ukoll illi ommi kienet toqghod mieghi u kienet tghini xi ftit pero is-sajf li ghadda dahlet l-isptar u issa qieghda San Vincenz habba x-xjuhija taghha. Mum dak iz-zmien 'l hemm nghid illi l-affarijiet saru iktar difficli. Nghid illi naf illi C isuq *il-buses* u sa fejn naf jien ilu jahdem ghall-aktar minn sentejn f'dan ix-xoghol u qabel kien isuq ma' tal-linja."

Fix-xhieda tieghu[3] l-konvenut spjega illi meta l-partijiet kienu ghadhom flimkien hu kien jahdem bhala sewwieq tal-linja u kien jghaddi lill-attrici s-somma ta' mitejn ewro (€200) fil-gimgha.

Fix-xhieda dwar l-impiegi u d-dhul tieghu tul dawn l-ahhar snin il-konvenut mhux dejjem kien car. Jghid li mill-1 ta' Marzu 2012 huwa impjegat ma' certu Mario Refalo bhala sewwieq iwassal tfal tal-iskola u jaghmel ukoll xoghol konness mat-trasport ta' passiggieri lejn u minn l-ajruport.

Fix-xhieda tieghu **Mario Refalo**[4] ikkonferma illi huwa sid ta' garage ta' mini busses u li ilu jhaddem lill-konvenut b'paga ta' mitejn ewro (€200) fil-gimgha oltre t-taxxa u l-bolla. Ihallsu wkoll il-bonuses li huwa intitolat ghalihom. Ix-xhud ezebixxa l-FS 3 tal-konvenut C D minn fejn jirrizulta illi fis-sena 2012 il-konvenut kellu dhul gross annwu fis-somma ta' disat elef, disa' mija u sebgha u tmenin centezmu (€9,987)

---

[3] Fol. 31
[4] Fol. 47

Xehed **Mario Gatt**, rapprezentant tad-Direttur tar-Relazzjonijiet Industrijali u Mpjieg.[5] Huwa spjega hekk: "Iz-zewg kategoriji u liema huwa relatat mal-kaz li ghandha l-Qorti quddiemha hemm intitolament ukoll ta' bonus statutorji li ghal finijiet tal-Ligi ta' xoghol jaghmlu parti mill-paga li huma l-weekly allowance li jithallas fl-ahhar ta' Marzu mija wiehed u ghoxrin ewro u sittax-il centezmu, il-bonus ta' Gunju mija u hamsa u tletin ewro u ghaxar centezmi, il-weekly allowance ta' Settembru mija wiehed u ghoxrin ewro u sittax-il centezmu, kif ukoll il-bonus ta' Dicembru, mija u hamsa u tletin ewro u ghaxar centezmi. Bonuses fis-sena fuq il-paga hemm it-total ta' dawn l-erbgha li ghadni kif semmejt.

Qed nesebixxi bhala Dok MG 1, dokument li jispjega dak li ghadni kif xehedt dwaru."

Illi b'digriet moghti minn din il-Qorti fit-2 ta' Ottubru 2013[6] il-konvenut gie ordnat ihallas lill-attrici bhala manteniment *pendente lite* ghaz-zewg uliedu minuri s-somma ta' €400.00 fix-xahar. Sussegwenement, peress li irrizulta li l-konvenut ma kienx qed jonora d-digriet dwar manteniment *pendente lite* taz-zewg minuri, il-Qorti ordnat li l-manteniment jibda jinqata' direttament mill-paga tieghu u mhallas direttament lill-attrici.

B'notaipprezentata fl-10 ta' Jannar 2014 mix-xhud Mario Refalo, l-*employer* tal-missier, gie dikjarat illi C D "… waqaf jahdem mieghu fil-bidu ta' Awissu 2013 u m'ghadux fl-impieg ma' l-esponent".

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

**Kontumacja tal-konvenut.**

Hija gurisprudenza kostanti illi fi proceduri gudizzjarji il-kontumacja tal-konvenut ma hiex konsiderata ammissjoni izda l-parti kontumaci filwaqt li ma jkolliex id-dritt li tressaq difiza formali u provi in sostenn, ma tkunx qed tammetti u tkun qed tirrimetti ruhha ghad-decizjoni tal-Qorti. Hemm rassenja interessanti dwar l-istitut tal-kontumacja fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "**Noel Calleja et. vs. Middlesea Valletta Life Assurance Co. Limited**" deciza fit-28 ta' Jannar 2005 fejn intqal u gie dikjarat illi :-

---

[5] Fol. 77
[6] Fol. 107

"Mal-milja taz-zmien anke l-legislatur hass il-bzonn li jintroduci emendi ghal dan l-istatut – hekk ara l-Att XXIV tal-1995 b'referenza ghall-Artikolu 158 tal-Kap. 12. Iz-zmien ghall-prezentata ta' nota ta' eccezzjonijiet gie estiz ghal ghoxrin jum u fil-kaz ta' kontumacja nghatat anke l-possibilita` ta' prezentata ta' nota ta' osservazzjonijiet – in omagg tal-principju ribadit fil-gurisprudenza kostanti taghna li mqar jekk f'istat ta' kontumacja, il-parti mharrka kellha titqies bhala wahda li qeghda tirrimetti ruhha ghall-gustizzja tal-Qorti u b'ebda mod ma hi qed tammetti t-talba."

**Kura u Kustodja**.

L-attrici, qua omm iz-zewg minuri Alexander u Kimberly, qed titlob li tinghata l-kura u kustodja esklussiva taz-zewg ulied ad eskluzzjoni tal-konvenut. Titlob ukoll li l-Qorti tiffissa access a favur il-missier.

Dan l-aspett tal-vertenza ma jehtiegx wisq indagini fit-tul stante li kif jirrizulta mill-provi imressqa iz-zewg ulied minuri ilhom jirrisjedu mal-omm u mhux mal-missier ghal numru ta' snin u ma hemmx talba mill-missier sabiex uliedu jmorru jghixu mieghu. Mix-xhieda prodotta jirrizulta illi l-missier ghandu kuntatt sporadiku maz-zewg uliedu fejn hafna drabi jiltaqghu ghal ftit hin fil-pjazza tar-rahal u jaghtihom xi flus jew affarijiet ohra.

Ghalhekk, anke ghaliex iz-zewg minuri llum huma tfal ta' certu eta' bl-impenji rispettivi taghhom, il-Qorti qed tiddeciedi illi l-kura u kustodja taz-zewg ulied minuri tkun esklussivament f'idejn l-omm b'dan illi l-missier jezercita access liberu a favur iz-zewg minuri uliedu skond kif il-partijiet, b'konsultazzjoni ma' uliedhom, jifthemu minn zmien ghal zmien.

**Manteniment**.

Mill-atti jirrizulta illi l-kwistjonijiet principali bejn il-partijiet jikkoncernaw il-manteniment pretiz mill-attrici fir-rigward taz-zewg ulied minuri. Il-ligi tipprovdi illi ghall-manteniment tal-ulied iz-zewg genituri ghandhom l-istess obbligi, kull genitur skond il-mezzi li ghandu jew ghandha.

**Artikolu 19 tal-Kap 16** jipprovdi illi**:-**

*(1) Fil-manteniment jidħlu l-ikel, l-ilbies, is-saħħa u l-abitazzjoni.*

*(2) Fil-manteniment li għandu jingħata lill-ulied u dixxendenti oħra, jidħlu wkoll l-ispejjeż meħtieġa għas-saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom.*

**Artikolu 20.**

*(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust*.

Mill-assjem tal-provi imressqa jidher bic-car illi l-konvenut qed jipprova jahrab mid-dover li ghandu bhala missier li jmantni liz-zewg uliedu minuri li qed jitrabbew mal-omm. Fil-fehma tal-Qorti hemm ragunijiet bizzejjed sabiex tikkonkludi illi l-konvenut ma kienx qed jghid il-verita' dwar id-dhul veritier tieghu. Fuq bazi ta' probabilita' il-Qorti tikkonkludi illi parti mid-dhul tieghu ma hux dikjarat. Din il-konkluzzjoni hi msahha mill-prova mressqa mill-attrici u ammessa mill-konvenut illi huwa kien ftiehem mal-attrici illi jghaddilha s-somma ta' erba' mitt ewro fil-gimgha bhala manteniment. L-istrategija tal-konvenut li akkost ta' kollox jipprova ma jhallasx manteniment ghal uliedu hija evidenti ukoll min-nota tal-employer tieghu fejn dana jinforma lill-Qorti illi l-konvenut ma kienx ghadu jahdem mieghu. In-nota ta' Mario Refalo giet ipprezentata fl-10 ta' Jannar 2014 fejn jallega li l-konvenut waqaf jahdem mieghu fil-bidu ta' Awissu 2013. Pero' jidher li Mario Refalo kien nesa li kien tela' jixhed f'seduta mizmuma fid-9 ta' Ottubru 2013 (fol. 80) u li fiha ma semma xejn li l-konvenut ma kienx ghadu jahdem mieghu. Din l-inkonsistenza fix-xhieda ta' Mario Refalo tkompli ssahhah il-fehma tal-Qorti illi C D b'komplicita' ma Mario Refalo qed jipprova jahbi d-dhul tieghu sabiex ma jhallasx manteniment ghal uliedu. Il-Qorti qed tqis in-nota ta' Mario Refalo pprezentata fl-10 ta' Jannar 2014 bhala tentativ sabiex tisgwida lill-Qorti.

Fic-cirkostanzi, tenut kont dak supra konsidrat abbinat mal-htigijiet tal-minuri, il-Qorti hi tal-fehma illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attrici manteniment ghaz-zewg minuri s-somma ta' €400.00 fix-xahar.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut, tilqa’t-talbiet attrici,

1. Tiffissa l-manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici ghaz-zewg minuri fis-somma ta’ erba’ mitt ewro (€400) fix-xahar, (€200 ghal kull minuri) b’effett mit-18 ta’ Frar 2013, liema manteniment jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

2. Tornda li l-manteniment hawn ordnat jibqa’ jithallas lill-attrici anke wara li l-minuri jaghlqu tmintax-il sena jekk jibqghu jghixu mal-omm u jkunu studenti full-time u dan sakemm jaghlqu tlieta u ghoxrien sena.

3. Tordna li l-kura u kustodja taz-zewg ulied minuri Alexander u Kiberly tkun esklussivament f’idejn ommhom A B b’access liberu favur il-missier skond kif huwa jiftiehem maghhom minn zmien ghal zmien.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------